MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2010

Citazzjoni Numru. 83/1997/1

**Carmen Josephine Cassar**

**vs**

**Louis *sive* Lewis u Margaret Rose konjugi Naudi**

**Il-Qorti;**

Rat l-Att tac-Citazzjoni pprezentat fl-14 ta' Jannar, 1997 li bih l-attrici premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi Silvio Vassallo miet fit-8 ta' Marzu 1994 (Dok. 'A') u skond ir-ricerki soliti (Dokumenti B u C) l-ahhar testment tieghu li bih hi regolata s-successjoni tieghu, kien dak 'unica charta' maghmul ma' martu Mary Vassallo fit-23 ta' Frar 1994 fl-atti tan-Nutar Dottor Carmel Martinelii (Dok. D);

Premess illi l-imsemmija Mary Vassallo mietet fis-26 ta' April 1994 (Dok. E) u skond ir-ricerki soliti maghmulin fuqha (Dokumenti F u G), is-successjoni taghha giet regolata skond testment allegatament maghmul minnha fl-10 ta' April 1994 fl-atti tan-Nutar Dottor Maurice Gambin (Dok. H);

Premess illi skond l-ahhar testment fuq imsemmi ta' Silvio Vassallo, hu u martu nnominaw lil xulxin reciprocament bhala werrieta universali u ddisponew ukoll li wara l-mewt ta’ l-ahhar wiehed fosthom, il-gid kollu li jkun fadal "jghaddi fi pjena u assoluta propjeta" ghand l-attrici "bhala kumpens tal-kuri u servigi li din irrendiet lilhom .... u bil-kundizzjoni li tibqa ddur u tiehu kura tat-testaturi sal-gurnata tal-mewt ta’ l-ahhar wiehed minnhom u li ma jigux imqieghda f’xi dar/sptar ta’ l-anzjani";

Premess illi inoltre z-zewg konjugi Vassallo intrabtu bl-imsemmi testment li ma jbiddlux id-disposizzjoni testamentarja maghmula favur l-attrici;

Premess illi l-attrici fil-fatt baqghet tiehu kura ta’ l-imsemmi Silvio Vassallo sa mewtu li grat fir-residenza ta’ omm l-istess attrici f'Hal Luqa;

Premess illi wara l-mewt ta' Silvio Vassallo, l-attrici kompliet tiehu kura ta' l-armla tieghu Mary Vassallo izda fis-7 ta' April 1994 fuq istigazzjoni tal-konvenuti, l-imsemmija Mary Vassallo ttiehdet mid-dar ta' omm l-attrici kontra l-volonta ta’ l-istess attrici u dakinhar stess ittiehdet l-isptar fejn mietet gimghatejn wara;

Premess illi ghalkemm l-imsemmija Mary Vassallo ma kenitx f'sensiha, fl-10 ta' April 1994 go l-Isptar, hi allegatament ghamlet it-testment fuq imsemmi esebit bhala Dokument H, u dan minkejja d-divjet li kienet imponiet fuqha nnifisha fit-testment taghha precedenti 'unica charta' fuq imsemmi u esebit bhala Dokument D;

Premess illi konsegwentement, l-ahhar testment ta' Mary Vassallo maghmul fl-10 ta’ April 1994 fl-atti tan-Nutar

Maurice Gambin, huwa null u bla effett a tenur ta’ l-Artikoli 597(d) u 599 tal-Kodici Civili;

Premess illi konsegwentement, l-attrici hija wkoll l-eredi universali ta’ l-imsemmija Mary Vassallo skond it-testment tat-23 ta’ Frar, 1994 fl-atti tan-Nutar Dottor Carmel Martinelli;

Premess illi fil-kaz li t-testment li Mary Vassallo allegatament ghamlet wahida fl-10 ta’ April, 1994 jigi ritenut validu, hija tkun b’daqshekk kisret id-disposizzjoni testamentarja fit-testment ‘unica charta’ maghmul fit-23 ta’ Frar 1994 fejn hi ntrabtet li ma setghetx tibdel id-disposizzjoni testamentarja hemm kontenuta u konsegwentement iddekadiet, a tenur ta’ l-Artikolu 593 tal-Kodici Civili, minn kull jedd li nghatat bis-sahha ta’ dak it-testment fuq l-assi tal-premort zewgha Silvio Vassallo;

Premess illi b’konsegwenza ta’ tali dekadenza, l-assi ereditarji appartenenti lil Silvio Vassallo bil-frottijiet kollha mid-data ta’ mewtu ddevolvew kompletament fuq l-attrici bhala eredi universali tieghu;

Premess illi l-konvenuti, minghajr il-kunsens ta’ l-attrici, hadu l-pussess ta’ l-assi ereditarji kollha sija ta’ Silvio Vassallo u sija ta’ Mary Vassallo;

Talbet ghalhekk l-attrici lil din il-Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara null u bla effett it-testment maghmul mill-mejta Mary Vassallo fl-10 ta’ April 1994 in atti tan-Nutar Maurice Gambin u dan stante li l-imsemmija Mary Vassallo kienet dak il-hin mhux f’sensiha u inkapaci li taghmel testment;

2. Konsegwentement tiddikjara lill-attrici bhala eredi universali ta’ l-istess Mary Vassallo in forza tat-testment ‘unica charta’ tat-23 ta’ Frar 1994 in atti tan-Nutar Carmel Martinelli;

3. Konsegwentement tillikwida occorrendo bl-opera ta’ periti nominandi, l-assi ereditarji kollha ta’ l-imsemmija Mary Vassallo, komprisi l-assi ereditarji li ddevolvew fuqha minghand zewgha Silvio Vassallo b’konsegwenza tal-mewt tieghu u tad-disposizzjonijiet testamentarji tieghu kontenuti fl-istess testment ‘unica charta’ fuq imsemmi;

4. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex jghaddu lill-attrici l-assi ereditarji imsemmija fit-talba precedenti flimkien mal-frottijiet tal-mewt ta’ Mary Vassallo;

5. Sussidjarjament, f’kaz li t-testment maghmul minn Mary Vassallo fl-10 ta’ April 1994 jigi ritenut validu, tiddikjara li l-istess Mary Vassallo vvjolat id-disposizzjoni testamentarja maghmula ma’ zewgha fit-testment unica charta tat-23 ta' Frar 1994 in atti tan-Nutar Carmel Martinelli li biha ntrabtet li ma tibdilx id-disposizzjoni testamentarja hemm kontenuta, u konsegwentement iddekadiet minn kull jedd li hi kellha bis-sahha tat-testment unica charta fuq l-assi tal-premort zewgha Silvio Vassallo;

6. Konsegwentement tillikwida, occorrendo bl-opera ta’ periti nominandi, l-assi ereditarji tal-mejjet Silvio Vassallo, liema assi jigu dikjarati bhala li jikkonsistu fl-assi partikolari tieghu u f'nofs l-assi tal-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejnu u martu fil-gurnata tal-mewt tieghu;

7. Tillikwida wkoll, occorrendo bl-opera ta’ periti nominandi, l-assi ereditarji tal-mejta Mary Vassallo, liema assi jigu dikjarati li jikkonsistu f'nofs l-assi tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejnha u zewgha fil-gurnata tal-mewt tieghu kif ukoll fl-assi partikolari taghha b’eskluzjoni ta' dawk l-assi tal-premort zewgha li ma ddevolvewx fuqha in vista tad-dekadenza taghha skond il-hames talba fuq imsemmija;

8. Tassenja lill-attrici l-assi likwidati skond is-sitt talba u tassenja lill-konvenuti l-assi likwidati skond is-seba’ talba;

9. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex jghaddu minnufih lill-attrici kwalsiasi assi lilha assenjati skond it-tmien talba flimkien mal-frottijiet kollha derivanti mill-istess assi mill-gurnata tal-mewt ta' Silvio Vassallo, li l-istess konvenuti ghandhom fil-pussess taghhom;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attrici u l-lista tax-xhieda minnha indikati flimkien ma' l-elenku tad-dokumenti esebiti ma' l-att tac-Citazzjoni;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenuti pprezentata fit-30 ta' Settembru, 1997 u li permezz taghha eccepew:-

Illi fil-mument li Mary Vassallo ghamlet testment tal-10 ta' April 1994 hija kienet f'sessiha u kapaci biex taghmel l-istess testment u ghalhekk l-attrici m'ghandhiex interess guridiku li tippromwovi l-azzjoni;

Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghal premess, l-attrici trid tipprova li hija onorat dak li hemm dispost fit-testment unika carta taghha tat-23 ta' Frar 1994 u cjoe li hija tibqa' tiehu hsieb lid-decujus u zewgha. Huwa ironiku li:-

1. ftit jiem wara jmut Silvio Vassallo;
2. l-attur u l-familjari sabu diffikulta sabiex jintraccaw lil Mary Vassallo u l-attrici kienet riluttanti li thalli l-access u kien biss bl-intervent tal-Pulizija li setghu jaccedu;
3. Meta sabu lil Mary Vassallo din kienet tinsab fi stat hazin hafna rizultanti principalment minhabba nuqqas ta' kura;

Fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghal premess d-decujus kellha kull dritt li taghmel it-testment tal-10 ta' April 1994 u jekk jirrizulta li l-attrici b'xi mod hadet hsieb lil konjugi Vassallo, wiehed ghandu jiehu in konsiderazzjoni tal-hlasijiet li saru u flus u oggetti li l-attrici u l-familja taghha hadu;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess konvenuti u l-lista tax-xhieda minnhom indikati;

Rat l-affidivats u d-dokumenti pprezentati u t-traskrizzjonijiet tax-xhieda migbura;

Rat in-Nota ta’ sottomissjonijiet ipprezentata mill-konvenuti;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:

Il-kawza prezenti giet istitwita mill-attrici billi hi tippretendi, in bazi ghal din is-suddivizjoni, illi:-

1. It-testment li sar mid-defunta Mary Vassallo fl-10 ta’ April, 1994 in atti Nutar Maurice Gambin huwa null u bla effett ghaliex id-defunta ma kientx f’sensiha fil-waqt li sar, u inkapaci li taghmel testment;

2. Ankorke kellu jitqies validu, ghandu jigi ritenut li l-imsemmija decujus ivvjolat id-disposizzjoni testamentarja maghmula flimkien ma’ zewgha premort Silvio Vassallo fit-testment *unica charta* tat-23 ta’ Frar, 1994 in atti Nutar Carmel Martinelli. Id-disposizzjoni testamentarja relattiva tirrigwarda t-tielet artikolu ta’ dak it-testment li permezz tieghu t-testaturi pprovdew illi l-gid taghhom li jkun baqa’ wara l-mewt ta’ ahhar wiehed fost l-istess testaturi jghaddi fi pjena u assoluta proprjeta` ghand l-attrici;

L-ewwel punt fuq dan l-aspett tal-kawza huwa li m’hemmx dubju illi r-regola tal-ligi ghat-testmenti hija dik enuncjata mil-attrici fil-korp tac-citazzjoni u dan kif jinsab dispost fl-Artikoli 597 (d) u 599 tal-Kodici Civili, ossija li huma

inkapaci li jiddisponu b'testment dawk li ma jkunux f'sensihom fiz-zmien tat-testment f'liema eventwalita` t-testment hekk maghmul b'dik l-inkapacita` ghandu jitqies li jkun null;

In mertu ghall-precitati disposizzjonijiet huwa opportun li jigi registrat bhala punt ta' tluq illi, kif jinsab affermat sa minn zmien antik, "*l'uomo nello stato suo normale si presume ragionevole e sano di mente, fino a concludente prova in contrario. La prova contraria incombe all'opponente lo stato di sanita*". Ara "**Paolo Schembri *et* -vs- Maria Galea *et***", Prim' Awla, Qorti Civili, 16 ta' Ottubru, 1883 per Imhallef Giuseppe Gasan;

Ta' rilevanza li jigi sottolinejat illi kif ukoll deciz, "*i nostri tribunali, basandosi sulla dottrina u la giurisprudenza in materia, sono stati sempre renitenti a pronunziare la nullita` di un testamento per insanita mentale del testatore, ammenocche tale incapacita` consti positivamente da fatti precisi e univoci e non si verifichi al momento in cui egli dettasse la sua ultima volonta`*". Ara "**Francesco Danastas -vs- Salvatore Danastas**", Appell Civili, 28 ta' Mejju, 1926;

Distingwibilment, f'aktar dettal jinsab rikapitulat illi l-principji li ghandhom jircievu applikazzjoni f'kazijiet ta' impunjazzjoni ta' testment minhabba insanita mentali huma dawn li gejjin:-

1. "Li l-kapacita li wiehed jaghmel testment hija r-regola u l-inkapacita hija l-eccezzjoni;

2. Li regola ohra fundamentali hija wkoll dik stabbilita mill-paragrafu (d) ta' l-Artikolu 634 (fil-prezent l-Artikolu 597 (d)) tal-Kodici Civili li huma inkapaci li jiddisponu b'testment dawk li fiz-zmien tat-testment ma jkunux f'sensihom ("*of unsound mind*");

3. Li biex wiehed jaghmel testment ma hemmx bzonn "*una mente perfettamente e rigorosament sana, ma basta quel limitato uso della ragione che permetta la coscienza di cio che si fa; e per valutare i diversi gradi di debolezza di mente dei testatori si deve aver riguardo alla ragionevolezza o meno delle disposizioni testamentarie*" (ara sentenza tal-**Qorti tal-Kassazzjoni ta' Torino ta' l-4 ta' Frar, 1871**);

4. Li biex tigi stabbilita l-insanita mentali tat-testatur hemm bzonn li jirrizultaw indizji gravi;

5. Li l-Qrati taghna dejjem kienu renitenti li jammettu d-domandi biex jigi annullat testment minhabba insanita mentali tat-testatur, jekk din l-inkapacita ma tkunx irrizultat b'mod cert minn fatti precizi u univoci, u ma jkunx gie pruvat li kienet tezisti fil-mument li t-testatur kien qieghed jaghmel it-testment";

Ara d-decizjoni fl-ismijiet "**Joseph Vassallo *et* -vs- Avv. Dr. Victor R. Sammut *et nomine***", Appell Civili, 24 ta' April, 1950 b'ripetizzjoni ta' l-enuncjazzjonijiet fid-decizjoni ta' l-istess Qorti tat-22 ta' Gunju, 1938 in re: "**Giuseppe Formosa *et* -vs- Giuseppe Axiak *et***";

Dikjaratament, kompla jigi avvertit illi "min jimpunja testment ghall-vizzju tal-menti tat-testatur mhux biss huwa obbligat jipprova dak il-vizzju, izda l-prova tieghu ghandha wkoll tikkolpixxi l-mument stess jew zmien prossimu meta t-testment jigi maghmul; il-ghaliex il-fattijiet, jew ahjar l-ezistenza ta' difetti mentali alkwantu anterjuri jew posterjuri, ghalkemm jistghu jservu ta' amminikoli, eppure ma jistghux jigu ritenuti bhala prova pjenament konvincenti fil-kaz ta' vizzju tal-menti temporanju jew rikorrenti (ara **Journal du Palais, Qorti ta' Donai, 5 ta' Mejju, 1850 – Marcel, Vol. 1852, 2, 609**)". Din is-silta hi mehuda mid-decizjoni tal-Prim' Awla, Qorti Civili, tat-8 ta' Marzu 1952 fil-kawza fl-ismijiet "**Carmelo Mifsud *et* -vs- Maria Giordano *et***";

In essenza, mill-enuncjazzjonijiet dedotti, hu sinjifikattiv, izda mhux bilfors deciziv, il-fatt li t-testatur seta' kien inkapaci f'mument antecedenti, u successiv ghat-testment. Dak li effettivament ghandu piz jibqa' x'kien l-istat psiko-fiziku tieghu fil-mument tal-konfezzjoni tat-testment. Fundamentalment, jekk kienx ta' stat tali li seta' jissoprimi l-attitudni tieghu biex jiddeciedi b'mod koxjenti u liberu. Prova din li, dejjem fuq l-istregwa tal-gurisprudenza enuncjata, trid tkun wahda serja u rigoruza. Din ir-riflessjoni issib risonanza konfermatorja fid-decizjoni inedita fl-ismijiet "**Joseph Bonavia *et* -vs- Giovanni Bonavia *et***", Prim' Awla Qorti Civili, 20 ta' Ottubru, 1971 per Imhallef Maurice Caruana Curran;

Applikati l-premessi principji ghall-kaz in ezami hi l-fehma, konsiderata ta' din il-Qorti illi l-attrici ma rnexxilhiex tassolvi, b'impenn sodisfacenti, l-oneru tal-prova inkombenti fuqha illi lejn il-mument tat-testment taghha tal-10 ta' April, 1994 it-testatrici Mary Vassallo kienet persuna inkapaci minhabba xi stat patologiku jew vizzju mentali li ma hallewhiex tikkomprendi l-importanza u l-konsegwenzi ta' l-att ta' l-ahhar volonta taghha. Ghal kuntrarju, il-Qorti hija konvinta fuq l-apprezzament tax-xhieda tan-Nutar Maurice Gambin (fol. 251), illi ghalkemm kien apparenti ghalih illi t-testatrici kellha debolezza fizika minhabba l-istat ta' sahhitha ("*dehydration*"), huwa ma kellux diffikulta jikkomunika maghha u, ukoll, li hi fehmet il-kontenut tat-testment meta dan inqralha (fol. 257). Dan fit-tieni okkazjoni li hu acceda l-Isptar fejn it-testatrici kienet rikoverata. Jekk ma' dan jigi liberament u prudentement apprezzat ic-certifikat mediku tat-Tabib Eddie Rapa (fol. 260), anness ma' l-istess testment, kif ukoll id-deposizzjoni ta' dan a fol. 280, tissahhah il-konvinzjoni fil-Qorti illi, tabilhaqq, il-menti tat-testatrici kienet lucida u kapaci taghmel testment. Ta' min jissottolineja illi l-imsemmi mediku kellu bagalja ta' 25 sena esperjenza fl-Isptar Mentali ta' Ghawdex, u dak li ccertifikaha m'ghamlux sempliciment sabiex joghgob lill-beneficjarji testamentarji tad-decujus. Certament id-deposizzjoni ta' dan, kombinata ma' dik tan-Nutar Gambin, ma tistax tigi pprivata mill-importanza taghha. In

partikolari, imbaghad, fejn jinghataw dettalji siewja li jindikaw li t-testarici kienet f'sensiha, nonostante ix-xjuhija u l-indeboliment taghha bhala persuna dijabetika;

Fil-verita, minn imkien ma jirrizulta mill-provi fattur negattiv wiehed li jista' jirridonda fuq il-validita ta' dak it-testment, jekk mhux ghall-impressjoni infondata ta' l-attrici li tittanta tadombra l-istat metnali tat-testatrici b'kongetturi u sospetti li ma ghandhom ebda radici fil-konkret. Din il-Qorti hi wisq konxja li, spiss drabi, l-impunjazzjoni minhabba inkapacita` tirrapprezenta l-arma iddisprata tal-persuna jew tal-persuni deluzi, u mhux ghaliex verament tkun tissussisti qaghda genwina u fondata li kapaci tiskossa l-presunzjoni tal-validita tat-testment, u dwar liema sew il-ligi, kif ukoll il-gurisprudenza kopjuza, thares b'ghajn izjed wiesgha u beninja. Taht dawn ic-cirkostanzi l-kontenzjoni ta' l-atturi fuq dan il-punt ma tidherx gustifikata;

Spjanat it-terren fuq l-ewwel punt, bhala bazi tal-kawza taht it-tieni aspett taghha, l-attrici qeghda timputa vjolazzjoni da parte tat-testatrici Mary Vassallo ghaliex din, bit-testment taghha tal-10 ta' April 1994, marret kontra d-disposizzjoni tat-testment *unica charta* tat-23 ta' Frar, 1994 billi eliminat il-laxxitu favur taghha bit-tielet Artikolu meta hi, flimkien mat-testatur zewgha, intrabtet li ma tistax tibdilha. Ghall-ezattezza, fit-tielet artikolu ta' l-ahhar testment imsemmi t-testaturi ddisponew illi meta jigi nieqes l-ahhar wiehed fosthom, dak kollu li jkun fadal mill-gid taghhom it-tnejn f'dak iz-zmien jghaddi fi pjena u assoluta proprjeta ghand l-attrici, u dan bhala kumpens tal-kuri u servigi li din irrendiet lilhom sal-lum u bil-kundizzjoni li tibqa' ddur u tiehu kura ta' l-istess testaturi sal-gurnata tal-mewt ta' l–ahhar wiehed minnhom u li ma jigux imqeghda f'xi dar/sptar ta' l-anzjani;

L-atteggjament dwar din it-talba, kif ukoll il-fondatezza, o meno, taghha jiddependi mill-interpretazzjoni li ghandha tinghata lir-riportata disposizzjoni testamentarja

f'kombinazzjoni mal-fatti istruttorji l-aktar rilevanti dwar dan il-punt;

Kif inhu sew maghruf, f'materja ta' interpretazzjoni ta' testmenti l-principji fost ohrajn huma s-segwenti. Ibda biex, hu kompitu tal-gudikant li jinterpreta t-testmenti (ara "**Teresa Vella -vs- Maria Assunta Vella**", Prim' Awla, Qorti Civili, 24 ta' Novembru, 1954). Fit-tieni lok, sabiex tigi interpretata tajjeb disposizzjoni testamentarja, l-interpretu ghandu jippenetra l-intenzjoni legittima tat-testatur, li hija l-ligi li tirregolaha. Fejn dik id-disposizzjoni hi maghmula f'termini certi, u li ma joffrux ruhhom ghal xi ambigwita, ma huwa lecitu ghal hadd li jaltera dawk it-termini bl-interpretazzjoni tax-xoghol tal-gudizzju tieghu. Ara "**Filippa Grima *et* -vs- Vincenzo Borg *et***", Prim' Awla, Qorti Civili, 16 ta' Mejju, 1961. Wisq logikament, sabiex tigi determinata n-natura guridika tad-disposizzjoni huwa dejjem importanti ili l-ewwelnett din tigi ezaminata fis-sostanza taghha, u mhux sempliciment superficjalment, u, fit-tieni lok, l-istruttura tal-kliem uzati u c-cirkostanzi ta' fatt tal-kaz li jkun. Ara "**Dolores Agius -vs- Filippo Cachia *et***", Prim' Awla, Qorti Civili, 30 ta' Awissu, 1947;

Maghmula dawn il-premessi, jinhass opportun li jigu brevement dettaljati dawn il-fatti:-

1. Bhala Casual Social Assistant mal-Health Care Unit l-attrici giet assenjata tiehu kura ta' l-anzjani fuq id-distrett ta' tas-Sliema; *inter alia*, il-konjugi Vassallo. F'dan ix-xoghol taghha l-attrici kienet obbligata taghmel xoghol hafif fid-dar, titkellem ma' l-anzjani u, fejn tista' tohroghom. Ara xhieda tas-Supervisor Social Worker Doris Fiott a fol. 68;

2. Skond ix-xhud Emma De Lucca (fol. 86) dan is-servizz lill-koppja Vassallo twaqqaf fit-2 ta' Frar, 1994, wara telefonata li rceviet minghand Silvio Vassallo. B'effett minn din id-data d-Dipartiment tas-Servizzi Socjali

ma kompliex inaqqsilhom r-rata ta’ Lm6 fix-xahar mill-pensjoni taghhom;

3. Huwa ferm presumibbli illi f’din l-istess epoka l-koppja ttiehdet fid-dar ta’ omm l-attrici gewwa Hal Luqa. Dan huwa hekk dezunt ukoll mill-fatt illi skond in-nurse Marisa Mintoff (fol. 124) din ma baqghetx ittaqqab lil Mary Vassallo ghal kura tad-dijabete fid-dar taghha ta’ tas-Sliema, u din il-prestazzjoni bdiet issir minn Nurse Angela Collins fid-dar ta’ Hal Luqa b’effett mis-26 ta’ Frar, 1994. Ara deposizzjoni taghha a fol. 115 *et sequitur*;

4. It-testment relattiv fl-atti tan-Nutar Carmel Martinelli sar fit-23 ta’ Frar, 1994 wara li kkuntatjatu l-attrici. Irid jinghad illi qabel ma nqara t-testment in-Nutar spjega lill-attrici l-kontenut tieghu u kien b’arrangament maghha li ddahhlet il-klawsola *in calce* ghat-tielet artikolu. Ara xhieda tan-Nutar Carmel Martinelli a fol. 54 *et sequitur*;

5. Wara l-mewt ta’ Silvio Vassallo fit-8 ta’ Marzu, 1994, is-superstiti martu ttiehdet lura ghand il-familjari taghha fis-7 ta’ April, 1994 bl-intervent tal-Pulizija. Ara deposizzjoni ta’ l-Assistent Kummissarju Lawrence Cauchi (fol. 129) li rrimarka li hu sab lil Mary Vassalo fi stat batut hafna. Irid jinghad li dakinhar stess tal-mewt ta’ Silvio Vassallo l-attrici zbankat xi flejjes minn kont li d-decujus kellu f’wiehed mill-banek;

Premessi dawn il-ftit fatti, meta wiehed jikkombinahom flimkien, ghandu jirrizulta fil-fehma tal-Qorti dan li gej:-

1. Apparti l-konsiderazzjoni ta’ l-interval ferm qasir bejn meta ccessat l-assistenza awtorizzata bi hlas (2 ta’ Frar, 1994), ankorke l-attrici giet b’dak it-testment (23 ta’ Frar, 1994) beneficjata ghas-servigi li bdiet tippresta – qaghda din ferm ombruza, jekk mhux ukoll suspettuza – kienet kondizzjonali fuq l-istess attrici illi hi tkompli ddur u tiehu kura ta’ l-ahhar wahda fost is-superstiti sal-gurnata tal-mewt. Fuq il-fatti rakkontati din il-kondizzjoni ma gietx adempita, almenu zgur mhux skond il-kuntest intrinsiku

taghhom u ta' dik il-volonta` tal-bniedem interpretata, kif jghid ir-**Ricci**, "*secondo il linguaggio di quell'uomo comune usato*". Meta t-testaturi pprovedew ghal dak il-laxxitu kellu jkun pretiz illi l-persuna beneficjata kellha tkompli tippresta s-servigi u kuri in kwantu dan kien il-piz inkombenti fuqha in konsiderazzjoni tal-liberalita li biha giet favorita. Meta hi dan ma ghamlitux, jigi li ddekadiet mill-konsegwiment ta' dak il-beneficcju mholli lilha;

2. Ukoll jekk it-testaturi ma mponewx f'termini espressi dik id-dekadenza, hu accettat illi fil-kaz ta' inadempiment tal-kondizzjoni, l-istess hi insita fil-laxxitu nnifsu, tant li tista' tigi provokata gudizzjalment minn min hu interessat. Ara "**Carolina Ciancio *nomine* -vs- Luigi Matrenza**", Prim' Awla, Qorti Civili, 19 ta' Lulju, 1884;

3. Hemm imbaghad zewg osservazzjonijiet ultimi x'isiru. L-ewwelnett, minn dak trapelat mill-provi, hu wisq dubitat, in vista ta' l-istat li fih instabet Mary Vassallo kemm verament il-kuri u servigi kienu effettivi ghal kompiment tal-kondizzjoni imposta fuq l-attrici. Fit-tieni lok, ma jistax jisfuggi l-fatt illi l-attrici ssottrat klandestinament u abuzivament bl-uzu ta' prokura affidata lilha fondi appartenenti lil Silvio Vassallo u minnha zbankati fl-istess jum tal-mewt tieghu. Jinzel minn dan illi *sua sponte* irrimunerat ruhha ghas-servigi tenwi minnha prestati. Dan apparti l-konstatazzjonijiet verifikati u stabbiliti fil-kawza per Citazzjoni Numru 1139/94 fl-ismijiet "**Louis Naudi *et* -vs- Josephine Carmen *sive* Carmen Josephine Cassar *et***", kontestawlment deciza;

4. B'mod generali in bazi ghall-apprezzament tal-fatti fiz-zewg kawzi mhux barra minn loku li jinghad b'riptetizzjoni "*e in vero spesso la persona si ravvolge nel mistero ma vi sono sempre generalmente alcuni atti esteriori, qualche volta indispensabili e spesso anche senza avvedersene i quali espongono l'individuo ad essere scoperto collo sviluppare l'atto che la frode aveva inteso e creduto di poter celare o velare*". Ara "**Comm. Carlo Bonett -vs- Comm. Giovanni Bonello**", Qorti tal-Kummerc, 1 ta' Dicembru, 1883.

Għall-konsiderazzjonijiet kollha premessi, il-Qorti;

Filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tirrespingi t-talbiet kollha dedotti mill-attrici, bl-ispejjez jibqgħu sopportabbli minnha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------